MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 24/2021 LM

**Dr Mark Anthony Muscat (K.I. nru 409077M)**
*('ir-rikorrent')*

***vs*.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli, wieħed prinċipali magħmul mir-rikorrent **Dr Mark Anthony Muscat (K.I. nru 409077M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], u l-ieħor magħmul inċidentalment mis-soċjetà **HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'], mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-

Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], mogħtija fit-22 ta' Frar, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda l-ilment tar-rikorrent fil-konfront tas-soċjetà intimata kif ġej:

> *"Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha mogħtija f'din id-deċiżjoni, l-Arbitru jiddeċiedi:*
>
> *1. Li dwar il-parti tal-ilment fejn l-ilmentatur jgħid li l-provditur tas-servizz għalaqlu l-kontijiet bankarji,* ai termini *tal-Artikolu 31(4) tad-*Directive 1 *tal-Bank Ċentrali ta' Malta 'l fuq ikkwotata u klawsola D 12.5 tal-*General Terms and Conditions *'il fuq ikkwotati, l-Arbitru jiddeċiedi li l-Bank seta' jagħlaq il-kontijiet tal-ilmentatur u, għalhekk, it-talba f'dan ir-rigward qed tiġi miċħuda.*
>
> *2. Li dwar l-allegazzjoni li l-ilmentatur ma tħalliex jiddepożita flus u jħallas il-pagamenti tal-*loans, *lill-Arbitru irriżultalu bil-maqlub u, għalhekk, qed jiċħadha.*
>
> *3. Li dwar l-allegazzjoni li l-Bank qabad u ħa l-pagamenti minn kontijiet li kienu fuq isem mart l-ilmentatur din tirriżulta u,* ai termini *tal-Artikolu 26(3)(i)(iii) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna li l-Bank ibiddel l-imġiba u l-prattika tiegħu f'dan ir-rigward. Peress li l-ilmentatur ma ppruvax li ġarrab xi dannu li jista' jissarraf f'kumpens finanzjarju, l-Arbitru ma jistax jagħti rimedju kumpensattiv f'dan ir-rigward.*
>
> *Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri."*

## <u>**Fatti**</u>

2. Il-fatti tal-każ odjern huma essenzjalment sempliċi u jirrigwardaw prinċipalment l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-ittra tas-soċjetà intimata tat-3 ta' Mejju, 2019[1], fejn din kienet infurmat lir-rikorrent bid-deċiżjoni tagħha li hija ma kinitx ser tkompli tipprovdih b'servizzi u bi prodotti bankarji. Fl-istess ittra ngħad li l-imsemmija soċjetà intimata kienet qiegħda tagħti lir-rikorrent avviż ta' xahrejn sabiex jagħlaq il-kontijiet tiegħu kif elenkati fl-ittra tagħha,

[1] Kopja *a fol.* 9 tal-atti quddiem l-Arbitru.

għajr għal kont kurrenti li kellu jservi sabiex huwa jkun jista' jonora l-pagamenti fuq self mogħti mill-istess soċjetà intimata. Avvżatu li fit-3 ta' Lulju, 2019 hija kienet ser tagħlaq il-kontijiet tiegħu magħha.

## Mertu

3. Ir-rikorrent għalhekk ippreżenta lment quddiem l-Arbitru fit-13 ta' Frar, 2020 fejn talbu sabiex:

> *"...bħala l-ewwel preferenza niġi re-integrat fil-posizzjoni li kelli qabel ma ġara dan kollu u li ningħata kumpens xieraq tal-preġudizzju u l-inkonvenjenza li soffrejt. Jekk ma jkunx possibbli li niġi re-integrat fil-posizzjoni li kelli nitlob li ningħata kumpens xieraq li jirrifletti l-inkonvenjenza u l-umiljazzjoni li kelli nsoffri b'riżultat tal-aġir tal-Bank.".*

4. Is-soċjetà intimata wieġbet fit-2 ta' Marzu, 2020 billi sostniet li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk dawn kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih.

## Id-deċiżjoni appellata

5. It-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet sabiex wasal għad-deċiżjoni appellata:

> ***"Jikkonsidra:***
>
> ***L-Arbitru jrid jiddeċiedi l-każ skont dak li, fil-fehma tiegħu, huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikulari u merti sostantivi tal-każ.*** *(fn. 1 KAP 555, Art. 19(3)(b))*
>
> *L-Arbitru ser iqis l-ilment u r-risposta kollha f'daqqa.*

***Il-Verżjoni tal-Ilmentatur***

*Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Arbitru, (fn. 2 A Fol. 137-139) l-ilmentatur qal li l-'*crux' *tal-każ kien li l-Bank kien għalaqlu l-kontijiet bankarji tiegħu. Huwa kien għal diversi snin attiv* f'unions *u kien ikollu tilwimiet mal-Bank minħabba dawn it-tilwimiet industrijali. Huwa jsostni li kellu kull dritt jieħu ċerti passi legali kontra l-agir tal-bank, fosthom, mandat ta' inibizzjoni biex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu.*

*Jgħid li għandu jkun hemm distinzjoni bejn il-vesti sindakali tiegħu u dik ta' klijent tal-Bank, u l-Bank kien ħallathom flimkien. Il-kontijiet ingħalqulu wkoll fl-isfond li kien hemm ilment mal-Kummissarju tad-Data li d-deċiżjoni tiegħu ippreżentaha mal-ilment. Jgħid li f'dan iż-żmien għalqulu l-*current accounts *u l-*currency account *u ħallewlu kont wieħed miftuħ, u ma bdewx jaċċettaw* deposits *biex iħallas il-*loan *u, peress li ma bediex isir il-ħlas, jaħseb li għollewlu r-rati tal-imgħax.*

*Jgħid li hu talab lill-Bank jispjega kif huma ma kinux urewh it-*Terms of Business *li kkwota l-Bank. Jgħid li meta fetaħ il-kontijiet kien iffirma biss xi* one-pager*. Jgħid li dawn it-*Terms of Business *qatt ma kien rahom qabel ippreżenta l-ilment u mhumiex iffirmati minnu. Meta staqsa lil certu Daniel Robinson dwarhom u l-fatt li hu ma kienx iffirmahom, dan qallu li kienu tawhom lill-klijenti kollha u, allura, jħoss li kienu jorbtu lilu ukoll. Jgħid li dawn it-*Terms of Business *huma '*hefty' *mhux ħażin u jgħid li qatt ma kien rahom, qatt ma ffirmahom u qatt ma daħal fihom.*

*Jikkonkludi li huwa dritt fundamentali tiegħu li jkollu* Freedom of Association *u jkollu rwol sindakali.*

*Waqt il-kontro-ezami żied li l-azzjonijiet kollha legali li kien ħa kienu marbutin mar-rwol sindakali tiegħu u għax il-Bank irritalja għall-attività sindakali tiegħu.*

*Xehed ukoll li minkejja li kien ħa diversi azzjonijiet legali kontra l-Bank, hu m'għandu l-ebda problema mal-Bank bħala klijent. Il-Bank ried ippattihielu għall-attività sindakali tiegħu. Iżid jgħid li hu m'għandu l-ebda gwerra mal-Bank imma kien qed jiddefendi d-drittijiet tiegħu. Il-kawżi kollha li għandu mal-Bank saru minħabba abbużi min-naħa tal-Bank u, filwaqt li hu m'għandu xejn kontra l-Bank, il-Bank kellu xi ħaġa kontrih.*

*Bħala klijent ma kellux xi jgerger mill-Bank. Jgħid li l-Bank għandu* platform *tajba ħafna tal-*internet banking*, il-Bank* safe *ħafna u m'għandu l-ebda problema bħala klijent tal-HSBC.*

***Il-Verżjoni tal-Provditur tas-Servizz***

*Għall-provditur tas-servizz xehed Dr Ralph Agius Fernandez. (fn. 3 A Fol. 139-144) Huwa qal li l-*iter *tad-difiża tal-Bank kif sottometta 'fl-*Istatement of Defence' *kienet li r-relazzjoni bejn l-ilmentatur u l-Bank ma baqgħetx pjaċevoli għaliex l-ilmentatur kien ħoloq diversi inċidenti u mill-2012/2013 sal-lum, l-ilmentatur kien '*mar il-Qorti taħt diversi kpiepel biex dejjem jattakka l-kondotta tal-HSBC'. *(fn. 4 A Fol. 140)*

*Il-Bank oġġezzjona wkoll għall-fatt li l-ilmentatur waqt li kien għadu impjegat (sospiż) fuq il-kotba tal-Bank, irrikorra għall-*facebook *fejn għajjar lill-Bank giddieb. Minkejja li ġie mitlub biex jirtira dawn il-kummenti, l-ilmentatur irrifjuta u l-Bank għamel kwerela kontrih iżda kellu jirtiraha għaliex inbidlet il-liġi. Però, l-Bank xorta waħda ħassu offiż b'dawn il-kummenti.*

*L-ilmentatur fittex lill-Bank bil-Qorti għal kważi miljun ewro għaliex, filwaqt li ma daħalx għax-xogħol, ippretenda dawn il-flus, iżda l-Qorti ċaħditlu din it-talba. Ix-xhud jgħid li diffiċli tifred il-ħafna kpiepel li kien jilbes l-ilmentatur u, għalhekk, kull darba li kien jaġixxi kien ikollhom jistaqsuh jekk hux jaġixxi f'ismu proprju, jekk hux bħala ex-impjegat, jekk hux bħala klijent jew jekk hux bħala kap tal-*Union.

*Jgħid ukoll li diffiċli wieħed jifhem u jaċċetta l-aġir tal-ilmentatur meta ħa passi kriminali kontra l-Bord tal-Bank u kontra l-*Head *tal-HR. Filwaqt li x-xhud jikkonċedi li l-ilmentatur għandu dritt jieħu xi passi, bħala klijent kien wera nuqqas ta' fiduċja mal-Bank.*

*Il-kontijiet mhux kollha ġew magħluqa. L-ilmentatur għandu* loan account *u, safejn jaf ix-xhud, inżamm kont ieħor miftuħ biex ikun jista' jiffaċilita l-kont tal-*loan.

*Minkejja li diversi drabi l-ilmentatur ħa lill-Bank il-Qorti, kemm-il darba l-ilmentatur ma ngħatax raġun. Għalkemm l-ilmentatur jgħid li għandu fiduċja fil-Bank, mill-kondotta tiegħu għal dawn l-aħħar tmien snin, dan ma tantx jista' jitwemmen.*

*L-ilment li għamel l-ilmentatur mal-Kummissarju tad-Data ma kellu x'jaqsam xejn mal-ħidma sindakali tal-ilmentatur. Ix-xhud jgħid fil-kuntest li l-Kummissarju tad-Data kien sab li kien hemm '*potential excessive monitoring without his knowledge' u 'potential excessive processing of his personal data as an employee/customer or union official' *u, għalhekk, ma tistax tkun ċert taħt liema kappell kien ikun jaġixxi. F'dan il-każ tad-Data, ix-xhud jgħid li l-eżitu kien sfavorevoli għall-Bank.*

*Jikkonkludi billi jghid li kien hemm aktar minn raġuni waħda għalfejn il-Bank għalaqlu l-kontijiet. Jgħid li r-raġuni ewlenija kienet il-*post *fuq il-*facebook *page li baqa' ma ġiex*

*irtirat mill-ilmentatur. Għalhekk, kollox irid jittieħed f'retroxena li kien ilha tinbena s-snin.*

*Fil-kontroeżami jgħid li kien minnu li kien hemm tilwima bejn l-MUBE (li l-ilmentatur kien ir-rappreżentant tagħha) u l-Bank iżda, għalkemm is-sospensjoni tal-ilmentatur bħala impjegat seħħet dak iż-żmien, din ma kellha x'taqsam xejn mat-tilwima industrijali. Filwaqt li kien għaddej strajk meta ġie sospiż l-ilmentatur, ix-xhud isostni li ż-żewg kwistjonijiet ma kinux relatati. L-ilmentatur ġie sospiż minħabba li kienet intilfet bagalja. L-ilmentatur kellu valiġġa li l-kontenut tagħha kienet informazzjoni kunfidenzjali tal-klijenti tal-Bank u dik il-valiġġja intilfet proprju waqt li kienet fil-pussess tal-ilmentatur għax ittieħdet barra l-Bank. Dik kienet ir-raġuni tas-sospensjoni.*

*Mistoqsi jekk kienx jaf li l-Bank kien instab ħati mill-Kummissarju tad-Data fil-konfront tal-ilmentatur u ġie mmultat €5,000, jgħid li hu ma kienx involut iżda jaf li kien hemm multa amministrattiva. Ix-xhud jikkonferma li kien hemm mandat ta' inibizzjoni kontra l-Bank mitlub mill-ilmentatur.*

*Ix-xhud jammetti wkoll li kien hemm deċizjoni tat-Tribunal Industrijali fejn kien iddeċieda kontra l-Bank, fis-sens li l-ilmentatur kellu dritt jirrappreżenta lill-ħaddiema membri tal-*Union *iżda jsemmi li kien hemm ukoll nota ta' dissent minn membru tat-Tribunal.*

***Il-Mertu tal-Ilment***

*Il-mertu tal-każ huwa bażikament jekk il-Bank kienx ġustifikat: (1) li jagħlaq il-kontijiet bankarji tal-ilmentatur; (2) li ma ħalliehx jiddepożita flus u jagħmel użu mill-*credit cards *u jħallas il-*loans *mal-istess Bank; (3) li jwaqqaflu l-użu tal-*internet banking *mingħajr ebda avviż u b'hekk ma setax jamministra l-finanzi tiegħu; (4) u li dam xahrejn biex jagħtih spjegazzjoni dwar allegati arretrati li kellu u qabad u ħa l-pagamenti minn kontijiet li kienu fuq isem il-mara tiegħu u miftuħin għat-tfal tagħhom.*

*L-ilmentatur jgħid li dan l-aġir tal-provditur tas-servizz hu wieħed arbitrarju u abbużiv. Il-provditur tas-servizz jgħid li mexa skont il-*General Terms and Conditions *tal-kontijiet u mad-*Directive 1 *tal-Bank Ċentrali bbażata fuq il-PSD2 tal-Unjoni Ewropea u għalaq il-kontijiet ukoll għaliex il-partijiet kienu tilfu l-fiduċja f'xulxin minħabba l-aġir tal-ilmentatur.*

1. L-Għeluq tal-Kontijiet Bankarji u twaqqif ta' servizzi oħra relatati:

*L-ewwel kwistjoni bejn il-partijiet hi dwar jekk il-Bank setax u kienx ġustifikat jagħlaq il-kontijiet bankarji tiegħu u jwaqqaflu servizzi oħra relatati.*

*F'dan ir-rigward, l-Arbitru jagħmel referenza għad-*Directive 1 *tal-*Bank Ċentrali *(Directive 1) (fn. 5 Imsejħa* Directive No 1, in terms of the Central Bank of Malta Act: The Provision and Use of Payment Services*) li hija bbażata fuq il-*Payments Services Directive 2 *(PAD 2) tal-Unjoni Ewropea.*

*Filwaqt li skont* Directive 1 *l-ilmentatur seta' jagħlaq il-kontijiet tiegħu mingħajr ebda restrizzjoni, il-provditur tas-servizz jista' wkoll itemm il-kuntratt mal-klijent tiegħu skont ma jipprovdi il-Paragrafu 31(4) tad-*Directive 1 *li jgħid:*

'31(4): If agreed in the framework contract, the payment service provider may terminate a framework contract concluded for an indefinite period by giving at least 2 months' notice in the same way as provided for in Paragraph 27(1).'

*Għalhekk biex il-provditur tas-servizz ikun jista' jagħlaq il-kontijiet irid ikun ġie miftiehem għal din il-possibilità fil-*framework contract *li hu l-kuntratt li jirregola t-tħaddim tal-kontijiet in kwistjoni.*

*F'dan il-każ, il-Bank u l-ilmentatur irregolaw dawn il-kundizzjonijiet tar-relazzjoni bejniethom skont il-*General Terms and Conditions - Current, Savings and Card Accounts. *(fn. 6 Dokument C a Fol. 58 et seq)*

*Qabel ma l-Arbitru jidħol fid-dettall ta' dawn it-*Terms and Conditions *jagħmel referenza għal dak li qal l-ilmentatur li:*

'Dawn it-Terms of Business li qed jikkwota minnhom, jien qatt ma kont rajthom qabel ma nqala' dan il-każ. Allura, aktar u aktar ma nħossx li kellu dritt jagħlaqhomli. It-Terms of Business bagħtuhomli wara u mhumiex iffirmati minni.' *(fn. 7 A Fol. 138)*

*Huwa paċifiku li l-ilmentatur kien impjegat tal-Bank fuq livell maniġerjali u, għalhekk, l-Arbitru għandu dubju serju li impjegat f'dak il-grad ma jkunx qara dawn il-*General Terms and Conditions *li japplikaw għall-kontijiet bankarji* current, savings *u għall-*cards.

*L-Arbitru jagħti piż sew il-profil tal-ilmentatur u jagħmel distinzjoni bejn konsumatur li ma jkollu l-ebda għarfien tas-servizzi finanzjarji, u bejn min ikun għamel karriera l-bank f'livell maniġerjali. Jekk xejn, anke jekk il-qasam tal-*expertise *tal-ilmentatur fl-istess Bank kien x'imkien ieħor, xorta waħda huwa raġonevolment mistenni minn* Manager *ta' bank li qabel jidħol f'relazzjoni kuntrattwali mal-bank jistaqsi u jara x'kundizzjonijiet u x'termini japplikaw. Dawn it-*Terms and Conditions *li ppreżenta l-Bank ma kinux għall-ilmentatur biss iżda għall-klijenti kollha.*

*Barra minnhekk, il-Paragrafu 29 tad-*Directive 1 *jipprovdi li l-ilmentatur seta' jkollu dawn it-*Terms and Conditions (framework contract*)* ***jekk jitlobhom****:*

'29. At any time during the contractual relationship the payment service user shall have a right to receive, **on request**, *(fn. 8 Enfasi tal-Arbitru)* the contractual terms of the framework contract'.

*Għalhekk meta anke jitqies il-profil tal-ilmentatur, hu kellu kull possibilità li jitlob dawn il-*General Terms and Conditions *meta jrid, anke qabel fetaħ il-kontijiet; u bħala impjegat tal-Bank kellu wkoll kull faċilità li jarahom meta jrid.*

*Għalhekk l-Arbitru mhux konvint li l-ilmentatur kien fl-għama dwar il-kundizzjonijiet marbuta mal-kontijiet tiegħu; u dawn il-kundizzjonijiet li kienu japplikaw għall-klijenti kollha tal-Bank kienu japplikaw għalih ukoll.*

*Issa l-Arbitru jrid iqis dawn l-istess* General Terms and Conditions *fil-kuntest tal-Paragrafu 31(4) tad-Directive 1 ikkwotat aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni. Biex ikun segwa d-*Directive 1*, il-Bank ried ikollu fis-seħħ '*framework contract' *li jipprovdi speċifikament li l-Bank seta' jtemm ir-relazzjoni kummerċjali tiegħu mal-ilmentatur.*

*F'dan ir-rigward l-Arbitru ra klawsola D 12.5 tal-*General Terms and Conditions *(fn. 9 A Fol. 76) (li huwa l-*framework contract*) li tgħid:*

'We may end any product or service we provide for any other reason by giving you at least 60 days written notice'.

*Din il-klawsola hija konformi mal-Paragrafu 31(4) tad-*Directive 1 *tal-Bank Ċentrali 'l fuq ikkwotata u, għalhekk, jibqa' li l-Arbitru jiddeċiedi jekk l-ilmentatur ingħatax ix-xahrejn* notice *biex jingħalqulu l-kontijiet.*

*Permezz ta' ittra li bagħat il-Bank lill-ilmentatur fit-3 ta' Mejju 2019, (fn. 10 A Fol. 9) l-ilmentatur ingħata xahrejn notice li l-kontijiet tiegħu kienu ser jingħalqu, tant li tissemma d-data tat-3 ta' Lulju 2019 meta kellhom jingħalqu l-kontijiet u, għalhekk, din il-kundizzjoni tad-*Directive 1 *ġiet ukoll segwita mill-provditur tas-servizz.*

*Għalhekk l-Arbitru ma jsib xejn abbużiv min-naħa tal-Bank fl-azzjoni li ħa biex jagħlaq il-kontijiet tal-ilmentatur.*

2. Dwar l-allegazzjoni li l-ilmentatur ma tħalliex jiddepożita flus u jħallas il-pagamenti tal-loans

*Dwar din l-allegazzjoni l-ilmentatur ma ġab l-ebda prova speċifika dwar dan.*

*Min-naħa tal-provditur tas-servizz, fix-xhieda ġuramentata tiegħu, Dr Ralph Agius Fernandez xehed hekk:*

'Ngħid li mhux il-kontijiet kollha ġew magħluqa. OZ ghandu loan mal-HSBC - dak il-kont baqa' miftuħ u safejn naf jien ukoll, inżamm kont ieħor miftuħ biex ikun jista' jiffaċilita l-kont tal-loan'. *(fn. 11 A Fol. 141)*

*Minkejja li l-ilmentatur għamel kontroeżami estensiv tal-istess xhud, fl-ebda ħin ma miera lix-xhud dwar il-fatt li l-Bank kien ħallielu l-*loan account *u kont ieħor miftuħ biex tkun tista' titħallas il-*loan*.*

*Għalhekk l-Arbitru jqis li l-ilmentatur ma rnexxilux jipprova li l-kontijiet* *__kollha__* *tiegħu kienu ingħalqu u ma setax iħallas il-*loan*.*

3. Dwar l-allegazzjoni li l-Bank 'qabad u ħa l-pagamenti minn kontijiet li kienu fuq isem il-mara u miftuħin għat-tfal tagħna' *(fn. 12 A Fol. 4)*

*L-Arbitru jinnota li ħafna mix-xhieda taż-żewg partijiet kienet ikkonċentrata fuq ir-relazzjoni li kien hemm bejn il-Bank u l-ilmentatur li, apparti li kien klijent tal-Bank, kien ukoll impjegat tal-istess Bank u rappreżentant tal-*Union *tal-ħaddiema tal-istess Bank.*

*L-ilmentatur jgħid li l-Bank ħa l-miżuri kontrih għaliex kien rappreżentant tal-*Union*. Il-Bank jiċħad dan u jgħid li l-Bank ħa l-miżuri li ħa kontra l-ilmentatur minħabba l-kondotta tal-ilmentatur, fosthom, li kien qed jiftaħ ħafna proċeduri fil-Qrati kontra l-Bank u minħabba li għamel ħsara lill-immaġini tal-Bank minħabba* post *fuq il-*facebook page *tal-ilmentatur fejn għajjar lill-Bank giddieb.*

*Għalkemm l-Arbitru m'għandu l-ebda ħsieb li jidħol f'dawn il-kwistjonijiet għax mhux il-kompitu tiegħu, però, għall-fini tal-allegazzjoni li l-Bank eċċeda l-limiti fil-konfront tal-ilmentatur u ħa pagamenti mill-kont ta' martu, l-Arbitru qed jara l-isfond ta' din l-allegazzjoni u se jagħmel dawn il-kummenti:*

*Il-Bank m'għandux raġun meta fost '*in-nuqqasijiet*' li jgħid li għamel l-ilmentatur fil-konfront tal-Bank kien li fetaħ diversi kawżi quddiem il-Qorti u t-Tribunal Industrijali, li rrapporta lill-Bank mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u kellu kwistjoni mal-Bank quddiem il-Kummissarju tad-Data.*

*Li l-Bank juża din ir-raġuni fir-risposta tiegħu donnu jrid jinftiehem li min jaħdem mal-HSBC, jew hu klijent tiegħu, ma jistax imur quddiem istituzzjonijiet imwaqqfa b'liġi biex jieħu d-drittijiet tiegħu. Fi stat demokratiku, fejn kull ċittadin għandu d-drittijiet mogħtija lilu bil-liġi, kulħadd huwa ħieles li jfittex id-drittijiet tiegħu permezz tal-*

*istituzzjonijiet tal-pajjiż, kif kellu raġun jagħmel l-ilmentatur. Tant li kien hemm okkażjonijiet fejn anke ingħata raġun minn dawn l-istituzzjonijiet.*

*Min-naħa tiegħu, l-ilmentatur li kien qed jieħu l-miżuri kontra l-Bank permezz tal-istituzzjonijiet imsemmija, ma kellux għalfejn jirrikorri għall-facebook u joqgħod jgħid li l-Bank kien qed jigdeb. Ħadd m'għandu jabbuża mill-mezzi soċjali sabiex mingħalih ikun qed jieħu xi forma ta' rimedju.*

***Dan kollu juri li kienet daħlet pika bejn il-Bank u l-ilmentatur u, fil-fehma tal-Arbitru, kienet din il-pika li wasslet lill-Bank li jieħu ċerti miżuri li kienu eċċessivi. L-allegazzjoni li għamel l-ilmentatur, li l-Bank ħa pagamenti mill-kont tal-mara tiegħu, ma ġietx ikkontestata mill-Bank u, għalhekk, l-Arbitru qed jaċċettaha.***

***Il-Bank jaf sew li kont depożitat f'isem persuna huwa ta' dik il-persuna u ta' ħadd aktar. Il-Bank ma ġab l-ebda prova li b'xi mod kien awtorizzat minn xi Qorti jew xorta oħra biex jieħu flus mill-kont ta' mart l-ilmentatur u, għalhekk, din l-imġiba tal-Bank hija waħda abbużiva għax jidher li ħa l-liġi b'idejh.***

*Għalhekk din l-allegazzjoni tal-ilmentatur qed tiġi milqugħa u l-Arbitru ser iqisha fid-deċiżjoni tiegħu. Iżda, l-ilmentatur ma ġab l-ebda prova li dan l-aġir wassal għal xi dannu finanzjarju fil-konfront tiegħu u, għalhekk, l-Arbitru ma jistax jagħti rimedju kumpensattiv.*

*L-ilmentatur qed jitlob lill-Arbitru li jordna lill-Bank jerġa' jpoġġih fis-sitwazzjoni li kien fiha u jiftaħlu l-kontijiet li għalaqlu u jipprovdilu s-servizz tal-*internet banking. *Peress li, kif ingħad, il-Bank kien fil-limiti tal-liġi li jtemm is-servizzi tiegħu lill-ilmentatur, din it-talba ma tistax tintlaqa'.*

*L-Arbitru jrid jimxi mal-ilmenti oriġinali li għamel l-ilmentatur li diġà ġew eżawriti f'din id-deċiżjoni iżda għall-kompletezza jirreferi għal dak li xehed l-ilmentatur li, skont il-* Payment Accounts Directive *(PAD), il-Bank ried iħallilu kont biex jagħmel il-ħlasijiet (*payment account with basic features*).*

*Verament li dawn il-kontijiet huma sanzjonati mill-*Payment Accounts Directive *li ġiet mogħtija effett fil-liġi tagħna permezz tal-liġi sussidjarja 371.18 bl-isem ta'* Credit Institutions and Financial Institutions (Payment Accounts Regulations*). Iżda f'dawn ir-regolamenti insibu li bank li għandu ħames friegħi jew aktar ma jkunx obbligat li jiftaħ dan il-kont jekk il-klijent ikollu kont simili ma' bank ieħor sabiex jagħmel il-ħlasijiet bażiċi tiegħu, li hu l-għan tal-kont '*payment account with basic features'*, li tistabbilixxi din id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea. (fn. 13 Ara Regolament 19(4) ta*l-Credit Institutions and Financial Institutions (Payment Accounts Regulations).

*L-ilmentatur jammetti li fetaħ kontijiet oħra mal-Bank of Valletta p.l.c. (fn. 14 A Fol. 148) Għalhekk, skont ir-Regolament 19(4), il-Bank mhux obbligat li jagħtih* basic account.*"*

## L-Appell

6. Ir-rikorrent ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u fl-10 ta' Marzu, 2021 intavola appell fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"1) tirriforma d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Arbitru fit-22 ta' Frar 2021 fl-ismijiet fuq premessi billi tikkonfermaha in kwantu li l-Arbitru kkonkluda li* "dwar l-allegazzjoni li l-Bank qabad u ħa l-pagamenti minn kontijiet li kienu fuq isem mart l-ilmentatur din tirriżulta u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(i)(iii) tal-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna li l-Bank ibiddel l-imġiba u l-prattika tiegħu f'dan ir-rigward"*;*

*2) u tħassar u tannulla l-partijiet l-oħra;*

*3) u minflok tilqa' t-talbiet magħmula mill-appellant fl-ilment promotur sabiex huwa jiġi re-integrat fil-posizzjoni li kellu qabel ma ġraw l-fatti mertu tal-każ fl-ismijiet fuq premessi;*

*4) u li l-appellant jingħata kumpens xieraq tal-preġudizzju u l-inkonvenjenza li huwa kien sofra riżultat tal-aġir tal-Bank appellat."*

L-appellant għid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) huwa ma tħalliex jipproduċi l-provi kollha li xtaq, u b'hekk inkiser il-prinċipju tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem;* (ii) ma ngħatax piż suffiċjenti għall-fatt li provvedimenti kuntrattwali ma jistgħux joffendu il-*'public policy'* jew il-*'constitutional values'*; (iii) is-soċjetà intimata ma setgħetx tbiddel it-*'Terms & Conditions'* mingħajr il-firma tiegħu; (iv) l-avviż li ngħata ma kienx validu u lanqas ma kien jolqot is-servizzi kollha; (v) ir-raġunijiet tal-Arbitru dwar it-tieni punt tal-ilment huma skorretti; (vi) dawk l-allegazzjonijiet tiegħu li qatt ma ġew kontradetti mis-

soċjetà intimata, għandhom jiġu meqjusa ppruvati; (vii) l-Arbitru straħ fuq is-subregolament 19(4) tal-L.S. 371.18, li kien irrilevanti; (viii) l-Arbitru kien tenut jillikwida kumpens imqar *arbitrio et bon viri,* ġaladarba sab li s-soċjetà intimata mxiet ħażin miegħu; u (ix) l-Arbitru żbalja meta qal li s-soċjetà intimata ma kinitx obbligata li toffrilu *basic account,* ġaladarba huwa kien ammetta li fetaħ kontijiet oħra mal-BOV.

7. Is-soċjetà intimata wieġbet fit-30 ta' Marzu, 2021 fejn sostniet li d-deċiżjoni appellata kienet waħda tajba u għandha tiġi kkonfermata, għajr għal dak li hija kienet ser tirrileva fl-appell inċidentali tagħha. Filwaqt li fl-imsemmi appell inċidentali hija ssostni li kellha tkun il-mara tar-rikorrent li tressaq ilment quddiem l-Arbitru u mhux żewġha, dwar il-flus li allegatament ittieħdu mill-kont tagħha, titlob lil din il-Qorti sabiex tikkonferma d-deċiżjoni appellata fejn din ċaħdet it-talbiet tagħha, iżda tħassar dik il-parti fejn l-Arbitru ordna li hija għandha tbiddel l-imġiba u l-prattika tagħha fir-rigward tal-allegazzjoni magħmula mir-rikorrent.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-partijiet, u dan fid-dawl tar-risposti intavolati minnhom rispettivament u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata fejn rilevanti.

*L-ewwel aggravju: [ma ngħatax l-opportunità li jressaq il-provi kollha]*

9. Ir-rikorrent jispjega li l-ewwel aggravju tiegħu huwa li ma tħalliex iressaq dawk il-provi kollha li huwa xtaq, u dan bi ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali

*audi alteram partem.* Jispjega li fl-ewwel seduta huwa kien iddikjara li kellu provi ulterjuri x'iressaq, u l-Arbitru ddireġih sabiex jagħmel talba formali permezz ta' rikors. Fl-1 ta' Lulju, 2020 huwa ppreżenta rikors sabiex iħarrek xhud, iżda l-għada stess it-talba tiegħu ġiet miċħuda mill-Arbitru, għaliex skont dan tal-aħħar ir-rikorrent kien diġà għalaq il-provi tiegħu. Ir-rikorrent ikompli jispjega li fis-seduta sussegwenti li kienet tħalliet għas-smigħ ta' xhud ieħor tas-soċjetà intimata biex din imbagħad tagħlaq il-provi tagħha, is-soċjetà intimata ma ħarrket l-ebda xhud u minflok tħalliet tagħmel mistoqsija oħra lilu minkejja li kien diġà sar il-kontroeżami tiegħu. It-tweġiba tiegħu ngħatat piż kbir mill-Arbitru, kif ukoll ingħata piż għall-fatt li huwa ma ressaqx provi suffiċjenti.

10. Is-soċjetà intimata tilqa' billi tgħid li r-rikorrent kien diġà annetta d-dokumenti li deherlu li kienu rilevanti mal-ilment tiegħu, u fil-fatt kellu seduta sħiħa sabiex itella' l-provi tiegħu, kif ukoll ingħata l-fakoltà li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet. Iżda l-fatt li huwa kien għamel talba sabiex iħarrek xhud u din ġiet miċħuda, bl-ebda mod ma setgħet tiġi kkonsidrata li ġie miksur il-prinċipju *audi alteram partem.* Mingħajr preġudizzju għal dan kollu, is-soċjetà intimata tikkontendi li ġaladarba l-partijiet kienu ddikjaraw li ma baqgħalhomx aktar provi, huma ma setgħux jippretendu li jressqu provi oħra, fejn il-parti li kienet qiegħda titlob li tressaq provi ulterjuri kienet ir-rikorrent stess li kellu l-oneru tal-prova. Tirrileva li l-konsiderazzjonijiet li tagħmel iserrħu fuq il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju u anki fuq il-prinċipju ta' ġustizzja, għaliex it-talba tar-rikorrent kienet twassal sabiex tpoġġiha f'żvantaġġ u tiskonvolġi l-oneru tal-piż tal-prova.

11. Il-Qorti ssibha diffiċli ferm sabiex taċċetta dak li qed jikkontendi fuqu r-rikorrent, għaliex l-atti stess jagħtu xena oħra. Fil-verbal tat-23 ta' Ġunju, 2020 tniżżel li l-każ kien qed jiġi differit għall-21 ta' Lulju, 2020 bil-għan li jixhed xhud tal-provditur tas-servizz. Għalhekk joħroġ ċar minn dan il-verbal li f'dan l-istadju r-rikorrent ma kellux l-intenzjoni li jipproduċi xhieda. Huwa stess jiddikjara b'mod inekwivoku fir-rikors li ressaq fl-1 ta' Lulju, 2020 li *"[i]lli l-każ ġie mħolli għall-21 ta' Lulju fil-11.00am għall-għeluq tal-provi tal-provditur tas-servizz fejn ser jinstema' xhud ieħor",* u għalhekk bl-ebda mod ma seta' jippretendi li l-istess rikors fejn kien qed jagħmel talba sabiex jitħarrek xhud ieħor, kellu jiġi milqugħ. Għal din l-istess raġuni l-Arbitru ġustament ċaħad it-talba tiegħu u l-Qorti ma ssib xejn irregolari fil-proċedura segwita mill-imsemmi Arbitru.

12. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-ewwel aggravju tar-rikorrent mhux ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[ma ngħatax piż suffiċjenti għall-fatt li provvedimenti kuntrattwali ma jistgħux joffendu* 'public policy' *jew* 'constitutional values'*]*

13. It-tieni aggravju tar-rikorrent huwa li ma ngħatax piż biżżejjed għall-fatt li provvedimenti kuntrattwali ma jistgħux joffendu l-*'public policy'* jew *'constitutional values'.* Isostni li jekk għall-mument jiġi konċess li t-*Terms & Conditions* imsemmija mis-soċjetà intimata kienu applikabbli fil-każ odjern, żgur li dawn ma setgħux jiġu mfissra b'mod li s-soċjetà intimata għandha l-fakoltà li tagħlaq il-kontijiet jew li tirrestrinġi s-servizzi tagħha għal dawk ir-raġunijiet li saħansitra joffendu l-liġijiet kriminali jew li jiksru l-kostituzzjoni u jew xi trattati Ewropej. Ir-rikorrent isostni li l-raġunijiet mogħtija mis-soċjetà intimata għall-

aġir tagħha, jinkwadraw f'dak li jipprovdi għalih l-artikolu 28 tal-Kap. 452. Jirrileva li bħala sindikalist huwa kien igawdi minn ċertu protezzjonijiet kontemplati fil-liġi, fosthom l-immunità sindikali waqt tiliwima industrijali taħt l-artikolu 63 *et seq.* tal-Kap. 452 u f'diversi liġijiet oħra u anki l-Konvenzjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta u diversi strumenti internazzjonali u Ewropej. B'hekk huwa jkun f'pożizzjoni li jikkomunika mal-membri tiegħu permezz tal-mezzi soċjali, u l-Arbitru ma kienx korrett meta qal li huwa ma kienx għamel sew għaliex altrimenti jkun qed isir ksur sfaċċat tal-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni.

14. Is-soċjetà intimata preliminarjament tiddikjara li hija qatt ma aġixxiet b'mod li marret kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u dan kien joħroġ ċar mill-atti tal-proċeduri quddiem l-Arbitru. Mingħajr preġudizzju għal din is-sottomissjoni tagħha, is-soċjetà intimata tikkontendi li kienet u għadha tal-fehma li l-mertu tal-argument ma kienx jaqa' fil-kompetenza tal-Arbitru, u għalhekk huwa irrilevanti għall-lanjanza li tressqet quddiemu u anki quddiem din il-Qorti. Irrilevanti wkoll kien ir-riferiment tar-rikorrent għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452, għaliex hawn ma kienx rilevanti l-impjieg tiegħu, u f'kwalunkwe każ hija kienet qiegħda tirrespinġi bl-aktar mod inekwivoku bħala totalment infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tal-appellant li hija mxiet miegħu kif għamlet minħabba l-attività sindikali tiegħu. Tirrileva li waħda mill-kundizzjonijiet inerenti fir-relazzjoni bejn bank u klijenti kienet li l-bank jista' jittermina r-relazzjoni ta' bejniethom unilateralment, sakemm jagħti notifika raġonevoli lill-klijent. Ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet suġġetta għal obbligi regolatorji fejn ir-relazzjoni setgħet tintemm skont kif maqbul fil-kuntratt

bankarju, sakemm it-terminazzjoni ma tmurx kontra xi provvediment regolatorju, u hawn is-soċjetà appellata tagħmel riferiment għal *Directive 1* tal-Bank Ċentrali, li tipprovdi għall-kundizzjonijiet ta' terminazzjoni. Tispjega li l-kuntratt bankarju ta' bejn il-partijiet kien isegwi din id-direttiva, fejn hija kellha d-dritt ta' terminazzjoni għal kwalsiasi raġuni wara sittin jum min-notifika bil-miktub. Is-soċjetà intimata tirrileva li fil-każ odjern hija kellha raġuni valida għaliex il-partijiet ma kellhomx aktar fiduċja f'xulxin u r-rikorrent ma setax jiddikjara gwerra u fl-istess ħin jibqa' f'relazzjoni kummerċjali magħha. Minn hawn is-soċjetà intimata tgħaddi sabiex tispjega dak kollu li wassal sabiex ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet iddeterjorat u li r-rikorrent mhuwiex ġustifikat isostni li huwa għandu kenn fil-liġi minħabba l-azzjoni tiegħu fi ħdan *trade union.*

15. Il-Qorti taqbel mas-soċjetà intimata li fejn l-argumenti favur l-aggravju tar-rikorrent iserrħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452, dawn ma jistgħux jiġu kkonsidrati minn din il-Qorti għaliex ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Arbitru, iżda fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Il-Qorti tirrileva li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30 ta' dik il-liġi huma ċari, fejn jipprovdu sabiex ilment taħt l-artikolu 28 ċitat mir-rikorrent, għandu jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijal, u ma jħallu l-ebda dubju dwar din il-kwistjoni. Dwar l-argument tar-rikorrent, fejn filwaqt li jiċċita d-dispożizzjonijiet tar-regolament 17 tal-L.S. 371.18 u jagħmel riferiment għall-klawsola D 12.5 tal-*General Terms and Conditions* jew *framework contract,* jgħid li l-Arbitru ma kienx ġustifikat meta ddikjara li ma kien qed isib xejn abbużiv min-naħa tas-soċjetà intimata meta din għalqet il-kontijiet tiegħu, il-Qorti tirrileva li aktar 'l isfel f'din is-sentenza ser tikkonsidra li l-L.S.371.18 hija inapplikabbli fil-każ odjern. Fir-rigward tal-klawsola D 12.5 tal-*General Terms*

*and Conditions,* li huwa l-*framework contract* li kellha fis-seħħ is-soċjetà intimata, l-Arbitru osserva li din il-klawsola hija konformi mal-paragrafu 31(4) tad-*Directive 1* tal-Bank Ċentrali, u b'hekk huwa għadda sabiex jistħarreġ jekk ir-rikorrent kienx ingħata l-avviż ta' xahrejn rikjest skont il-klawsola msemmija u sab li r-rekwiżit tat-terminu ta' xahrejn għall-għeluq tal-kontijiet kien ġie osservat mis-soċjetà intimata permezz tal-ittra tagħha tat-3 ta' Mejju, 2019. Magħdud ma' dan il-fatt, il-Qorti tosserva li r-rikorrent mhux qed jikkontesta l-validità o meno ta' din l-ittra, u għalhekk ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex tikkondividi l-fehma tal-Arbitru li ma kien hemm xejn abbużiv fl-azzjoni li ħadet is-soċjetà intimata.

16. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tar-rikorrent mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[l-Arbitru kellu jikkonsidra jekk is-soċjetà intimata setgħetx tbiddel it-*Terms & Conditions *mingħajr il-firma tiegħu]*

17. Ir-rikorrent jispjega li huwa aggravat ukoll għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru ma kellux jiddeċiedi l-kwistjoni dwar l-obbligi tiegħu qabel daħal f'relazzjoni mas-soċjetà intimata, iżda kellu jikkonsidra jekk is-soċjetà intimata setgħetx tbiddel unilateralment it-*Terms & Conditions.* Jispjega li meta huwa fetaħ il-kontijiet tiegħu mas-soċjetà intimata, dan kien 'il fuq minn għoxrin sena ilu meta huwa kien għadu skrivan, u t-*Terms & Conditions* ma kinux l-istess bħal dawk li ġew ippreżentati mis-soċjetà intimata fl-atti ta' din il-kawża, u din kienet qiegħda tistrieħ fuqhom minkejja li ma ressqet l-ebda prova li kienet infurmatu bihom.

18. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata ttenni għal darb'oħra li l-kuntratt bankarju kien jirrifletti dak li tipprovdi għalih id-*Directive 1* tal-Bank Ċentrali, fejn hija kellha wkoll id-dritt li twaqqaf l-għoti ta' prodott jew servizz għal kwalsiasi raġuni, prevja avviż bil-miktub ta' sittin jum. Tirrileva li l-imsemmija direttiva kienet ġiet introdotta hawn Malta f'Novembru 2009 sabiex timplimenta l-*Payment Services Directive (EU) 2007/64 (aktar 'il isfel 'PSD2'),* u kien ġie deċiż mill-*Payment System User's Group* li fih il-Bank Ċentrali kellu r-rwol ta' *Chair*, li l-implimentazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet l-ġodda kellha ssir permezz ta' ittra lill-klijenti kollha fejn huma ġew infurmati bid-dħul fis-seħħ taż-żewġ direttivi u tat-termini u tal-kundizzjonijiet il-ġodda, li kienu ser jorbtuhom sakemm huma ma jiddeċidux li jitterminaw ir-relazzjoni tagħhom mal-bank. Flimkien mal-ittra intbagħat ukoll *brochure* tal-*Malta Bankers' Association* bl-informazzzjoni fuq il-PSD2, b'avviż sabiex min xtaq kopja tal-*General Terms & Conditions,* dan seta' jagħmlu billi jkellem lill-bank tiegħu.

19. Ir-rikorrent mhuwiex korrett. L-Arbitru saħansitra wera d-dubju tiegħu li fil-livell maniġerjali tiegħu r-rikorrent ma kienx qara l-*General Terms & Conditions*. L-Arbitru qal li huwa kien qed jagħti piż sew lill-profil tar-rikorrent u kien qed jagħmel distinzjoni bejnu, li kellu karriera mas-soċjetà intimata f'livell maniġerjali, u konsumatur bla ebda għarfien tas-servizzi finanzjarji. Ikkunsidra wkoll li jekk l-għarfien tar-rikorrent kien f'settur ieħor, kien mistenni li bħala *Manager* ta' bank huwa jistaqsi u jara x'kienu l-kundizzjonijiet u t-termini applikabbli, qabel jidħol f'relazzjoni kuntrattwali mal-bank stess. Irrileva li dawn il-*General Terms & Conditions* kienu applikabbli għall-klijenti kollha tal-bank, u l-paragrafu 29 tad-*Directive 1* kien jipprovdi li l-klijent seta' jitlob għal dawn il-

kundizzjonijiet tal-*framework contract.* Ikkunsidra li fil-kariga li kellu, ir-rikorrent kellu aċċess għalihom meta ried, anki qabel ma fetaħ il-kontijiet tiegħu, u bħala impjegat kellu aċċess faċli. Il-Qorti qiegħda tieħu inkonsiderazzjoni dak li rrilevat is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha dwar il-mod kif fid-dħul fis-seħħ tal-PSD u tad-*Directive 1,* kienu ġew mgħarrfa l-klijenti tagħha, flimkien mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-*General Terms and Conditions,* fejn l-istess klijenti ġew infurmati wkoll li kull min ried, seta' jitlob u jingħata kopja tal-*General Terms and Conditions.* Dan kollu s-soċjetà intimata kienet diġà spjegatu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha quddiem l-Arbitru, u l-Qorti tgħid li r-rikorrent bl-ebda mod mhuwa qed jikkontestah hawn, u għalhekk fin-nuqqas ta' prova li huwa kien oġġezzjona li jintrabat skont dawk it-termini u l-kundizzjonijiet, tqis li dawn huma applikabbli wkoll fir-rigward tar-relazzjoni bejnu u s-soċjetà intimata. Barra minnhekk ir-rikorrent ma kkontestax l-argument miġjub mill-Arbitru li dawn it-termini u l-kundizzjonijiet kienu dejjem a dispożizzjoni faċli tiegħu bħala impjegat u saħansitra *Manager* mas-soċjetà intimata. Il-Qorti tqis li flimkien mal-konsiderazzjoni li huwa ma kkontestax il-fatt li kull klijent tas-soċjetà intimata kien ġie mgħarraf bil-*General Terms and Conditions,* din l-osservazzjoni hija ferm rilevanti għaliex fid-dawl ta' dan kollu tqis li r-rikorrent ma jistax jilmenta li t-termini u l-kundizzjonijiet li daħal għalihom għoxrin sena ilu, meta fetaħ il-kontijiet tiegħu, ma kinux dawk li kienet qiegħda tistrieħ fuqhom is-soċjetà intimata llum, u li hija naqset milli tinfurmah bihom.

20. Għaldaqstant il-Qorti tikkonsidra li dan l-aggravju wkoll mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[l-avviż li ngħata ma kienx wieħed validu u lanqas kien jolqot is-servizzi kollha]*

21. Meta jittratta dan ir-raba' aggravju tiegħu, ir-rikorrent isostni li kienet żbaljata d-deċiżjoni tal-Arbitru fejn qal li huwa ma setax jirrintegrah fil-pożizzjoni oriġinali tiegħu, għaliex is-soċjetà intimata kienet aġixxiet fil-limiti tagħha. Jispjega li dan għaliex is-soċjetà intimata qatt ma tatu l-avviż meħtieġ skont il-liġi u skont it-*Terms & Conditions* iċċitati minnu stess għal dak li kien jirrigwarda l-użu tal-*internet banking.* Ir-rikorrent jispjega wkoll l-avviż fir-rigward tal-għeluq tal-kontijiet bankarji u tar-restrizzjoni fuq is-servizzi finanzjarji l-oħra, ma kienx validu għaliex is-soċjetà intimata ma kinitx ottemporat ruħha mas-subregolament 31(4) tal-L.S. 371.18, stante li naqset milli tiddikjara x'kienet ir-raġuni għad-deċiżjoni tagħha.

22. Is-soċjetà intimata qabelxejn tirrileva li mhuwiex permess li jitressqu aggravji ġodda fl-istadju tal-appell, li ma kinux jagħmlu parti mill-mertu tal-ilment quddiem l-Arbitru, u għaldaqstant dan l-ewwel aggravju jew xi fatti attinenti għandhom jiġu skartati minn din il-Qorti. Mingħajr preġudizzju għal din is-sottomissjoni tagħha, is-soċjetà intimata ssostni li t-twaqqif tal-użu tal-*internet banking* kien biss konsegwenza tad-deċiżjoni leġittima li twaqqaf il-kontijiet bankarji u l-faċilitajiet tal-*credit card* tar-rikorrent. Is-soċjetà appellata tirrileva li d-dispożizzjonijiet tal-L.S. 371.18 ma kinux applikabbli għall-każ odjern stante li din kienet tapplika fir-rigwad ta' *payment accounts with basic features,* filwaqt l-ebda kont bankarju tar-rikorrent ma kien wieħed minn dawn.

23. Il-Qorti tagħraf li dan l-aggravju jittratta kwistjoni li r-rikorrent qed jissolleva l-ewwel darba f'dawn il-proċeduri, u għalhekk mhux permissibbli li jressqu quddiem din il-Qorti, li għandha biss il-funzjoni ta' reviżjoni u mhux dik tal-ewwel istanza. Barra minn hekk ikun tassew inġust għall-parti l-oħra jekk il-Qorti tittrattah dan l-aggravju, għaliex b'hekk hija tkun qiegħda ċċaħħad l-opportunità lis-soċjetà intimata minn eżami doppju tal-punt inkwistjoni, u dan fejn fl-ewwel istanza hija jkollha d-dritt li tressaq kemm provi kif ukoll sottomissjonijiet sabiex tirribatti l-argument tar-rikorrent.

24. Għaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

Il-ħames aggravju: *[huma skorretti r-raġunijiet li offra l-Arbitru fir-rigward tal-konklużjoni li laħaq dwar it-tieni punt tal-ilment]*

*L-aggravju tas-soċjetà intimata:*

*[l-Arbitru kellu jiċħad l-allegazzjoni tar-rikorrent li hija kienet qabdet u ħadet il-pagamenti mill-kont ta' martu jew minn xi kontijiet oħra miftuħa għall-benefiċċju tat-tfal tagħhom]*

26. Ir-rikorrent isostni li ma kinux tajba dawk ir-raġunijiet sabiex isaħħu l-konklużjoni tal-Arbitru dwar it-tieni punt tal-ilment tar-rikorrent. Irrileva li huwa jaqbel li s-soċjetà intimata kienet ħalliet il-kont tas-self u kont ieħor miftuħin sabiex iħallas is-self, iżda jikkontendi li meta huwa ttenta jagħmel depożitu, dan ma ġiex aċċettat mis-soċjetà intimata mingħajr ma offriet spjegazzjoni. Jgħid li

sussegwentement is-soċjetà intimata qabdet u ħadet il-pagamenti ad insaputa tiegħu mill-kont tat-tfal tiegħu, li kien f'isem il-mara tiegħu.

27. Is-soċjetà intimata tikkontendi li dawn huma allegazzjonijiet li r-rikorrent qatt ma ressaq prova dwarhom. Hija min-naħa tagħha kienet għamlet il-verifiki, iżda ma rriżultawx il-fatti kif allegati. Tirrileva li l-ilment dwar il-kontijiet tal-mara tar-rikorrent, kellhom isiru minnha stess u mhux mir-rikorrent, u tgħid li dwar dan il-punt hija kienet qiegħda tinterponi appell inċidentali. Fl-imsemmi appell inċidentali, is-soċjetà intimata ssostni li kif l-Arbitru ċaħad dawk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent, li ma ġewx sostanzjati permezz ta' provi, huwa kellu wkoll jiċħad l-allegazzjoni tiegħu li hija kienet qabdet u ħadet l-pagamenti mill-kont ta' martu jew minn xi kontijiet oħra li kienu miftuħin għall-benefiċċju tat-tfal tagħhom. Tgħid li minkejja n-nuqqas ta' prova, l-Arbitru għażel li jilqa' dan l-ilment u b'hekk hija ma setgħetx tkun f'pożizzjoni li tirribatti din l-allegazzjoni. Is-soċjetà intimata tirrileva li l-Qrati diversi drabi rritjenew li l-piż tal-prova huwa fuq min jallega, u ċertament mhux fuq il-parti l-oħra. Tgħid ukoll li l-Arbitru qatt ma kellu jikkonsidra din l-allegazzjoni, għaliex kellha tkun mart ir-rikorrent li tressaq ilment kontriha, stante li kienet hi u l-kont tagħha li ġew allegatament milquta bl-aġir tas-soċjetà intimata.

28. L-Arbitru fil-fatt sab li r-rikorrent ma kien ressaq l-ebda prova speċifika dwar l-allegazzjoni li huwa ma tħalliex jiddepożita flus u jħallas il-pagamenti tas-self. Il-Qorti tgħid li għalkemm ir-rikorrent qed isostni li l-Arbitru kien żbaljat, fil-fatt l-Arbitru kellu raġun għaliex minn eżami tal-provi ma tirriżultax l-iċken prova li tista' tissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu. Għalkemm jirriżulta wkoll li s-soċjetà intimata naqset milli tikkontesta l-imsemmija allegazzjonijiet għajr li

dawn mhumiex ippruvati, tissenjala li l-prinċipju li minn jallega jrid jipprova, jqiegħed l-oneru tal-prova qabelxejn fuq ir-rikorrent u għalhekk huwa irrilevanti li dan jikkontendi li m'hemmx kontestazzjoni dwar l-allegazzjoni tiegħu. Dwar il-flus li allegatament inġibdu mill-kont intestat f'isem martu, il-Qorti taqbel mas-soċjetà intimata li kellha tkun il-mara tiegħu li tressaq ilment dwar dan quddiem l-Arbitru, ġaladarba l-kont kien f'isimha u r-rikorrent ma ressaqx prova jew spjegazzjoni ulterjuri li huwa b'xi mod kien jibbenifika mill-imsemmi kont.

29. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-ħames aggravju tar-rikorrent mhux ġustifikat u b'hekk tiċħdu. Dan filwaqt li għar-raġuni fuq spjegata, hija ssib li l-aggravju ewlieni tas-soċjetà intimata huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*Is-sitt aggravju:* *[dawk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li qatt ma ġew kontradetti mis-soċjetà intimata, għandhom jiġu meqjusa bħala ppruvati]*

30. Meta jispjega s-sitt aggravju tiegħu, ir-rikorrent jikkontendi li dawk l-allegazzjonijiet tiegħu li qatt ma ġew ikkontestati mis-soċjetà intimata, għandhom jiġu meqjusa bħala ppruvati. Jgħid li fil-fatt hekk għamel l-Arbitru fir-rigward tal-allegazzjoni li s-soċjetà intimata ħadet il-flus mill-kontijiet tal-mara tiegħu. Minn hawn huwa jgħaddi sabiex isemmi dawk l-istanzi fejn huwa għamel allegazzjoni li ma ġietx kontradetta mis-soċjetà intimata.

31. Is-soċjetà intimata filwaqt li tikkontesta kull waħda mill-allegazzjonijiet li jsemmi r-rikorrent, u li huwa qed jippretendi li kellhom jittieħdu bħala ppruvati, tirrileva li mhux ċar hawn x'inhu l-aggravju tar-rikorrent, u kif dan jaffettwa d-

deċiżjoni finali tal-Arbitru li fil-fehma tagħha kienet waħda korretta, salv għal dak li indikat fl-appell inċidentali tagħha.

32. Il-Qorti tirrileva għal darb'oħra li ġaladarba r-rikorrent qed jagħmel diversi allegazzjonijiet, fid-dawl tal-prinċipju ferm stabbilit u li saħansitra jsib ruħu inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-oneru tal-prova jistrieħ fuqu. Għalhekk ma jistax jikkontendi li l-allegazzjonijiet tiegħu għandhom jittieħdu bħala ppruvati.

*Is-seba' aggravju:* *[l-Arbitru straħ fuq is-subregolament 19(4) tal-L.S.371.18 li huwa irrilevanti għall-każ odjern]*

*Id-disa' aggravju:* *[l-Arbitru żbalja meta qal li l-Bank mhux obbligat li jagħtih* basic account*]*

33. Meta r-rikorrent jispjega s-seba' aggravju tiegħu, jikkontendi li s-subregolament inkwistjoni huwa irrilevanti fil-każ odjern għaliex jittratta il-ftuħ ta' kontijiet ġodda u mhux l-għeluq ta' kontijiet bankarji eżistenti, li kien regolat permezz tar-regolament 31. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-para. (v) tas-subregolament 31(2), jgħid li dan ma kienx applikabbli għall-każ odjern fejn is-soċjetà intimata saret taf biss fit-tieni seduta quddiem l-Arbitru dwar il-kont li huwa kien fetaħ. Jgħid ukoll li s-soċjetà intimata kienet tenuta tosserva s-subregolament 31(4) tal-L.S.371.18 billi tinfurmah bir-raġuni u tipprovdi ġustifikazzjoni għaliex aġixxiet b'dak il-mod. Jikkontendi li r-raġuni vera għaliex ingħalqu l-kontijiet tiegħu ma kinitx għaliex huwa fetaħ xi kontijiet ma' banek oħra, u għalhekk il-provvedimenti li straħ fuqhom l-Arbitru ma kellhomx applikazzjoni fil-każ odjern. Dwar id-disa' aggravju tiegħu, ir-rikorrent għal

darb'oħra jikkontendi li l-Arbitru kien żbaljat meta aċċetta li ġaladarba huwa ammetta li kien fetaħ kontijiet oħra mal-Bank of Valletta p.lc., is-soċjetà intimata ma kinitx obbligata li tagħtih *basic account,* u dan għaliex huwa kien tenut li jiddeċiedi l-ilment skont iċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-aġir tas-soċjetà intimata. Filwaqt li jagħmel riferiment għal deċiżjoni oħra tal-Arbitru[2], jikkontendi li ċertament ma kienx aċċettabbli li l-ġustifikazzjoni għall-ksur ta' jedd fundamentali tinħoloq wara li jseħħ tali ksur. Ir-rikorrent jirrileva li ma kien hemm l-ebda prova li kienet tindika li huwa kellu *basic accounts* oħra miftuħa meta s-soċjetà intimata għalqet il-kontijiet bankarji tiegħu, u dak li tħalla miftuħ ma kienx jikkwalifika bħala *basic account* minħabba r-restrizzjonijiet imposti fuqu mill-istess soċjetà intimata. Jissottometti li għalkemm is-subregolament 19(4) tal-L.S.371.18 jipprovdi għal ftuħ ta' kont, il-*proviso* tiegħu jitfa' dawl fuq l-ispirtu tal-liġi dwar *basic accounts*.

34. Is-soċjetà intimata tirrileva li hija mhijiex f'pożizzjoni li tistabbilixxi fuq liema provvediment straħ l-Arbitru, iżda fil-fehma tagħha dan ikun qies kulma sema' matul il-proċeduri u mhux fuq ħaġa waħda biss. Tgħid li r-raġuni għaliex hija kienet temmet ir-relazzjoni mar-rikorrenti kienet toħroġ ċara mir-risposta tagħha, kif ukoll mill-provi tagħha u min-nota tas-sottomissjonijiet, u saħansitra mir-risposta tal-appell. Is-soċjetà intimata tgħid li hija qatt ma tat x'tifhem li r-raġuni kienet il-fatt li r-rikorrent għandu kontijiet bankarji ma' bank lokali ieħor, liema fatt wara kollox kien jikkonferma li huwa ma sofra l-ebda preġudizzju. Tirrileva għal darb'oħra li l-L.S.371.18 ma kinitx applikabbli għall-każ odjern, fejn l-ebda kont bankarju tar-rikorrent ma kien *'payment account with basic*

[2] **TR** ***vs.*** **SBC Bank Malta plc**, ASF/105/2019.

*features'* skont dik il-liġi sussidjarja. Dwar id-disa' aggravju li ressaq ir-rikorrent, is-soċjetà intimata tirrileva li fl-ewwel lok ir-rikorrent qatt ma talabha sabiex tiftaħ *payment account with basic features.* Għall-bqija hija tagħmel riferiment għall-argument miġjub minnha aktar 'il fuq fir-risposta tiegħu, fejn tikkontendi li l-L.S.371.18 ma kinitx applikabbli fil-każ odjern, għaliex l-ebda kont tar-rikorrent ma kien *payment account with basic features.* Tissottometti li hija qatt ma tat lir-rikorrent x'jifhem dan u proprju għaliex ma kienx minnu li waħda mir-raġunijiet għaliex itterminat ir-relazzjoni miegħu kien il-fatt li huwa għandu kontijiet oħra ma' bank lokali ieħor. Tikkontendi li dan il-fatt wara kollox kien jikkonferma li huwa la sofra u lanqas qed isofri preġudizzju.

35. Kif diġà l-Qorti kellha l-opportunità li tosserva aktar 'il fuq, l-Arbitru qal li skont ir-regolamenti L.S.371.18, bank li għandu ħames friegħi jew aktar ma jkunx obligat li jiftaħ *payment account with basic features* jekk il-klijent ikollu diġà kont simili għalih ma' bank ieħor. Imbagħad l-Arbitru għaraf li ġaladarba r-rikorrent ammetta li huwa kien fetaħ kontijiet mal-Bank of Valletta p.l.c., skont is-subregolament ċitat, ma kien hemm l-ebda obbligu fuq is-soċjetà intimata li tiftaħlu kont ieħor bil-karatteristiċi ta' *payment account with basic features.* Imma l-Qorti ma tistax taqbel mar-rikorrent li l-Arbitru straħ fuq dan l-argument sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Dan tgħidu għaliex l-Arbitru jibda l-argument kollu tiegħu billi qabelxejn jirrileva li huwa kien tenut jimxi mal-ilmenti oriġinali tar-rikorrent, u li huwa kien diġà eżawrixxa fid-deċiżjoni tiegħu, iżda sabiex l-eżerċizzju tiegħu jkun komplut huwa għamel riferiment ukoll għax-xhieda tar-rikorrent fejn dan ikkontenda li skont il-*Payment Accounts Directive (PAD),* is-soċjetà intimata kellha tħalli miftuħ *payment account with basic features.* Il-Qorti tagħraf li fil-fatt l-Arbitru fid-deċiżjoni ttratta kull wieħed mill-

erba' ilmenti prinċipali miġjuba mir-rikorrent fit-talba tiegħu. Iżda ma kienx fix-xhieda tiegħu imma fin-nota ta' sottomissjonijiet li r-rikorrent qajjem ir-rilevanza tal-L.S.371.18 flimkien ma' dik ta' *Directive 1* fil-kuntest tal-lanjanza odjerna, u kkontenda li skont l-istess *Directive 1* b'riferiment speċifiku għall-paragrafu 31(6) tagħha, il-provvedimenti ta' dik id-direttiva kienu bla preġudizzju għal dawk tal-L.S.371.18. Madankollu l-Qorti tgħid li r-rikorrent naqas milli jirrikonoxxi li l-imsemmi paragrafu huwa limitat għal dawk il-kwistjonijiet *"...governing the rights of the parties to declare the framework contract unenforceable or void".* Tgħid ukoll li jidher li r-rikorrent qed jammetti fir-rikors tal-appell tiegħu l-fatt li l-ebda kont li kellu mas-soċjetà intimata kellu l-karatteristiċi ta' *payment account with basic features.* Dan tirrilevah ukoll is-soċjetà intimata stess. Għalhekk il-Qorti ma tarax li r-rikorrent jista' jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-L.S. 371.18 favurih.

36. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx ukoll dan l-aggravju ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tmien aggravju:* *[l-Arbitru kellu jillikwida kumpens ukoll jekk* arbitrio boni viri, *ġaladarba sab li s-soċjetà intimata mxiet ħażin miegħu]*

37. Ir-rikorrenti jgħid li huwa jħossu wkoll aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex l-Arbitru ddeċieda li ma kellux jillikwida kumpens favurih. Huwa jagħmel riferiment għas-subinċiż (iv) tal-para. (ċ) tas-subartikolu 26(3) tal-Kap. 555, li l-

Arbitru stess jiċċita f'każ ieħor[3] u li jgħid iħalli fid-diskrezzjoni tal-Arbitru sabiex jistabbilixxi l-kumpens dovut.

38. Is-soċjetà intimata twieġeb billi tikkontendi li ma kienx minnu li l-Arbitru sab li hija kienet imxiet ħażin fil-konfront tiegħu, għajr fejn ikkummenta dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li hija kienet ħadet xi flus mill-kont tal-mara tiegħu jew minn xi kontijiet oħra li kienu miftuħin għall-benefiċċju tat-tfal tagħhom. Tissottometti li r-rikorrent la sofra u lanqas qed isofri preġudizzju riżultat tal-aġir tagħha, u għalhekk l-Arbitru ma kellu jillikwida l-ebda kumpens anki jekk *arbitrio boni viri.*

39. Il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza, fejn ittrattat l-aggravju tas-soċjetà intimata, laqgħet is-sottomissjonijiet tagħha li kellha tkun mart ir-rikorrent li tressaq ilment dwar il-flus li allegatament l-imsemmija soċjetà intimata ġibdet mill-kontijiet tagħha. Ġaladarba l-Qorti mhijiex qiegħda taqbel ma' dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn l-Arbitru laqa' l-allegazzjoni tar-rikorrent, isegwi li l-ebda kumpens m'għandu jiġi likwidat u mħallas lir-rikorrent.

40. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li t-tmien aggravju tar-rikorrent mhux ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

[3] PH *vs.* HSBC – ASF/024/2020.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell prinċipali tar-rikorrent billi tiċħdu, tilqa' l-appell inċidentali mressaq mis-soċjetà intimata u tikkonferma d-deċiżjoni appellata għajr fejn l-Arbitru sab li huwa ġustifikat l-ilment tar-rikorrent li s-soċjetà intimata kienet qabdet u ħadet il-pagamenti minn kontijiet li kienu fuq isem martu, u minflok tiċħad l-ilment tar-rikorrent.**

**L-ispejjeż marbuta mad-deċiżjoni appellata għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell prinċipali u dak inċidentali għandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**